KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone +356 2133 7633
Fax. +356 2134 5333
Email sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 24

L-erbgħa u għoxrin laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 24 ta' April 2014 fis-6.20pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUŻATI** | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Minuti mill-Laqgħa tal-Komunita*
6. *Proġett permezz ta' fondi mir-Reġjun Centrali*
7. *Proġetti ta' parkeġġi f'Tas-Sliema*
8. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
9. *Aġġornament*

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduti 23_26/03/2014.

1.2 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 2.6 fejn talab biex niccaraw min kiteb lill-Prim Ministru. Is-Segretarju qal li hu kiteb wara decizjoni tal-Kunsill f'dan is-sens, u dan wara li l-kunsillier J Pillow kien kellem lill-Prim Ministru b'mod informali waqt attivita socjali stit taz-zmien qabel. *Korezzjonijiet*

P Radmilli qal ukoll li f'punt 4.2 il-fond huwa 'Erasmus Plus Youth Exchange' u mhux 'Arts Fund'.

1.3 Is-Sindku ippropona li jiġu approvati l-minuti. Il-Kunsillier D. Muscat issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-minuti 23_26/03/2014*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Is-Sindku irrefera għal punt 2.5 ta' l-aħħar seduta u qal li kien hemm talba biex noħorġu 'no objection' għall kiosk la darba jkun hemm il-permessi kollha meħtieġa. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jipparteċipa f'din id-deċizjoni għax mhux kompitu tiegħu li jgaħmel hekk meta mitlub min-negozjant. It-talba trid tigi mid-Diaprtiment tal-Artijiet. *Kiosk (Ix-Xatt)*

2.2 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar il-*beach concession* tal-Preluna. Il-Kunsilliera prezenti ġew infurmati li d-Dipartiment tal-Artijiet diġa qalu iva u l-Kunsill ma ġiex ikkonsultat. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dan mhux obbligat li jinforma lill-Kunsill għax jista japplika mal-Lands biss. *Beach concession - Preluna*

2.3 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-punt 3.2 fejn il-Kunsill kellu jistaqsi lit-TM jistgħux jizbgħu toroq prinċipali. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill ingħata estenjoni sa' Ġunju biex inzidu ir-rakkomandazzjonijiet tagħna fl-iSPED. Il-Kunsill qabel li għandu jinkludi Triq Manwel Dimech fit-toroq distributorji. Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa nistgħux noħorġu pubblikament li l-Kunsill ippartecipa f'din il-konsultazzjoni. *Marki fi toroq*

2.5 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-punt 3.3 u informa li l-*floodlights* tas-Sacro Cuor kienu għadhom mhux lesti. Il-Kunsillier J. Pillow fakkar li kien propona li l-bozoz il-ħziena li jinbiddlu jiġu rritornati l-Kunsill. *Manutenzjoni ta' bozoz*

2.6 Is-Sindku infurma li l-kuntratt tal-*Playing Fields* ġie iffirmat filwaqt li l-bandla b'aċċessibbilita għal *wheel chairs* ġiet approvata mill-KNPD. *Kuntratt – Playing Fields*

2.7 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li jekk il-Kunsill irid jipprezenta proġett għall-iskema 'A= Accessibility Awards' irid jifformola dettal ta' x'se jkun involut. Il-Kunsilliera prezenti issuġġerew li jkun proġett aġġustat għall-anzjani, għall-persuni *Proġett*

b'dizabilita u ghat-tfal. Nestendu ukoll l-internet permezz tal-WI-FI.

2.8 Is-Sindku informa li t-tabella li turi li qiegħed isir xogħol fil-bandli, twaħħlet. *Playing Fields*

2.9 Il-Kunsillier J. Pillow propona li l-Ġnien (ta' taħt Peppi) ikollu isem għalih. Kien hemm qbil dwar dan. *Isem għall-Ġnien*

2.10 Il-Kunsill ġie infurmat li dwar punt 4.6 il-Kunsillier P. Portelli għandu jagħmel prezentazzjoni aktar tard.

2.10 Il-Kunsill ġie imfakkar li l-kuntratt tal-*Contracts Manager* ġie terminat. Is-sotto kumitat għandu jiltaqa sabiex jiddiskuti *specifications* għal tender ġdid. *Contracts Manager*

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI U TAL-KONTIJIET

3.1 Il-Kunsillier J. Pillow staqsa dwar ir-rata tal-Librara. Il-Kunsill ġie infurmat li din hija rata stabbilita mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

3.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagamenti numru 30 pagabbli lil SRF dwar *bins on wheels*. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li dan is-servizz ma kienx inkluż fit-tender originali tas-sena 2012, u għaldaqstant, meta id-Dipartiment ordna biex nigbru l-iskart ta' The Point mis-sena 2014, kellhu jinhareg dan is-servizz permezz ta' addendum.

3.3 Is-Segretarju Ezekuttiv irrefera għall-pagament numru 41 pagabbli lil Matt Creative. Is-Segretarju informa li l-ammont għandu jinqara Ewro 1164 mhux Ewro 1170.

3.4 Il-Kunsilliera M. Aquilina infurmat lil-Kunsill li din id-darba mill-fuljett tal-Kunsill tħallew xi artikoli barra. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill bgħat il-materjal kollhu u min ħa ħsieb il-fuljett se jiġi infurmat b'dan. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li għal ħarġa li jmiss kull kunsillier li se jikteb għandu jżomm mad-*deadline* għaliex il-fuljett qiegħed joħroġ tard.

3.5 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-kont pagabbli lill-Perit M. Ellul. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kellu jqabbad dan il-perit, li huwa l-perit ta' Philip Agius & Sons., biex ikun jista jgħamel *traffic management plans* għal TM bhala sottomissjoni għal-permess biex nibnu it-toroq godda. Sadanitant il-Kunsill se jkun qiegħed jipprepara għal sejħa oħra ta' tender għall-perit.

*Il-Kunsilliera L. Cassar daħlet għas-seduta fis-7pm*

3.5 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

3.6 Il-Kunsillier J. Pillow qal li l-Kunsill irid jara ix-xogħol ta' Philip Agius and Sons ikun qed isir skond is-sengħa. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dan huwa xogħol il-Perit David Vassallo.

3.7 Dwar il-kont ta' *drinking fountain* tal-ARMS il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Ministru Konrad Mizzi.

3.8 Il-Kunsill ġie infurmat li l-iskrivana Althea Borg tgħat ir-rizenja tagħha u ddeċidiet li thallas in-*notice period* ta' tmien ġimgħat. Il-Kunsill Lokali accetta din ir-rizenja. Il-Kunsill gie infurmat li ħareġ invoice lis-Sinj. Borg. Is-Segretarju Ezekuttiv infurma li ingħatat l-*full pay* li jinkludi 6% *performance bonus*, bonus tal-gvern pro-rata. Il-Kunsill qabel.

3.9 Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li kien hemm post vakanti li kien inzamm *on hold*. Il-Kunsill se jkompli bil-proċess għal zewg skrivani fuq skala 15.

3.10 Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li is-Sinj. Roanna Fenech titla għal skala 13 minhabba li se jkun hemm zieda fir-rwoli tagħha u peress illi ilha aktar min tlett snin fuq skala 15.

3.11 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif si tiġi organizzata l-amministrazzjoni sakemm jidhol staff ġdid.

3.12 Il-Kunsilliera L. Cassar saqsiet għaliex għal *bulky refuse* qegħdin iċemplu l-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb sabiex ikun hemm aktar kontrol fuq l-ordnijiet u l-invoices. Fakkar ukoll li din is-sistema kienet maqbula mill-Kunsill Lokali.

*Il-Kunsillier P. Portelli daħal għas-seduta fis-19.15*

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għal laqgħa li saret tas-sotto kumitat tal-Edukazzjoni nhar l-4 t'April 2014 u semma l-proposti li ġew diskussi. *Proposti għal korsijiet*

4.2 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li ġew proposti dawn il-korsijiet: Malti u Ingliz, TCTC kors għall-adulti, Kors għat tfal *crafts* jew l-Inlgiz, kors *healthy lifestyle*, *Story Telling* (covered by Library budget), u kors iehor għall-anzjani.

4.3 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li *beading* ma ssemiex u hi innotat l-aħħar darba li maret għall-għotja taċ-ċertifikati, li l-grupp jidher miġbur u jaħdem għall-qalbu.

4.4 Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li l-Kunsill mhux qiegħed joffri korsijiet ġodda, dejjem l-istess u hi taħseb li hemm nies li jintereshom affarijiet oħra wkoll.

4.5 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li l-kumitat ma tantx iffoka għall-korsijiet għat-tfal għaliex għat-tfal se jkun hemm Skola Sajf.

4.6 Il-Kunsill qabel li għandu jorganizza l-korsijiet imsemmija f'punt 4.2 kif ukoll kors wieħed għal *beading*.

4.7 Is-Segretarju Ezekuttiv irrefera għal sejħa ta' kwotazzjonijiet għal zebgħa *Kwotazzjoni -Zebgħa*

sewda. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Ezekuttiv għandu jgħazel skond l-orħos prezz u li jkun il-materjal li tlabna.

4.8 Is-Segretarju Ezekuttiv irrefera għal sejħa ta' kwotazzjoni għal *light and sound equipment* għall-attivita li se ssir f'Lulju tal-SSAF. Ġew pprezentati l-istimi waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jagħzel lil AV Warehouse fuq bazi ta' esperjenza magħrufa ma' *live bands* oħra kif ukoll li l-prezz huwa wieħed ragonevoli. *Kwotazzjoni – Sound and Light*

4.9 Il-Kunsillier P. Portelli ipprezenta *costings* għall-attivita SSAF. *SSAF*

4.10 Il-Kunsillier P. Portelli spjega li kellu laqgħa ma diversi nies biex isib *sponsors* għal din l-attivita. Spjega kif McDonalds offrew Ewro 2000, hekk kif ukoll li jipprovdu flyers li jiġu pprezentati mal-*counters* tagħhom jiġifieri mhux jitqassmu fi djar, u jkun hemm *kids area* (animation). Il-Kunsilliear P. Radmilli u M Briguglio ma jaqblux li jkun hemm *kids area* assoċjata mal-Mc Donalds. Il-Kunsillier P. Portelli għandu jiddiskuti dan is-suġġett ma' Mc Donalds.

4.11 Il-Kunsillier P.Portelli spjega li kellu laqgħa mal-*Add More Colours* u l-bands ġew konfermati permezz ta' email.

4.12 Il-Kunsillier P. Portelli tkellem dwar *marketing* fir-radju u qal li kieku hu jipproponi l-ewwel tlett radji li jinstemgħu l-aktar.

4.13 Il-Kunsilliera L. Cassar issuġġeriet li *marketing* għal din l-attivita ikun ġimgħa qabel biss. Ma kienx hemm qbil dwar dan.

4.14 Ġie diskuss li jitneħħa Magic Malta radio. Il-Kunsillier M. Briguglio jaqbel li li jkunu l-ewwel tlett radji li jinstemgħu l-iktar mill-udjenza. Il-Kunsilliera L. Cassar taqbel li jkunu taz-zewġ partiti biss. Ittieħed vot kif ġej:

4.15 Il-Kunsilliera L. Cassar ipproponiet li l-istazzjonijiet ikunu One Radio, Radio 101 u Bay Radio. Kien hemm qbil dwar dan fost il-Kunsilliera prezenti. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jizdied riklam fuq facebook għal Ewro 300.

4.15 Il-Kunsillier P. Portelli qal li Mc Donalds se jkun qiegħed iqassam flyers ġewwa l-istabbilimenti tagħhom u l-Kunsill iħallas għal *printing*. Se jkun hemm ukoll avviz f'The Malta Independent. Il-Kunsillier M. Briguglio nnota li l-Kunsill se jkun qiegħed jonfoq Ewro 1400 għal flyers meta Mc Donalds qalu li se jtuna Ewro 2000. Il-Kunsillier M. Briguglio qal ukoll li hu ma jaqbilx mal-flyers la darba l-Kunsill kien iddeċieda li ma jsirux flyers. Minnflok jaqbel li jsir tip ta' *advertising* ieħor.

4.16 Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li tixtieq li jinqassmu flyers mad-djar. Il-Kunsill qal li l-poster se jkun fil-magazine tal-Kunsill li se jkun qiegħed jitqassam lir-residenti Slimizi. Kien hemm qbil li din l-attiivita tkun il-*cover page* ta' din l-issue.

4.17 Il-Kunsillier D. Muscat qal li ma jaqbilx bil-mod kif sar il-*marketing* għal

laqgħa annwali tal-Kunsill.

4.18 Il-Kunsill qabel li għandu jara prezzijiet għal *online portals* tat-*Times of Malta, Malta Independent, Malta Today u Inews.*

4.19 Il-Kunsill ġie infurmat li se jkun hemm laqgħa mal-Add More Colours nhar it-Tnejn.

4.20 Il-Kunsillier P. Portelli saqsa lill-Kunsill liema isem se jkollha din l-attivita jekk mhux *Music Festival* jew *Street Art Festival.*

4.21 Il-Kunsill ġie infurmat li AMC qegħdin isaqsu għal *flights* tal-artisti li dawn se jiġu jiswew madwar Ewro 3167 ghaliex ma ghandhomx *cash in hand.* Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jista jkun hemm riskju li ma jiġux l-flus lura minghadhom. Il-Kunsillieri M. Briguglio qal li jekk AMC mhux lesti li jieħdu riskju għaliex għandu jieħdu l-Kunsill. Il-Kunsilliera L. Cassar qalet la darba se norganzzaw attivita trid tkun waħda tajba u aħjar tieħu riskju milli l-Kunsill biex joħroġ inqas flus l-attvita ma tkunx *up to standard.* Il-Kunsill qabel li johorgu, sakemm ikunu parti mill-budget. P Portelli heggeg lill-Kunsilliera ifittxu sposors ghal dan.

4.22 Il-Kunsillier P. Portelli spjega x'se jkun hemm attivitajiet, *foodstalls* etc.,

4.23 Is-Sindku informa li ghada se jkollu laqgha mal-*Malta Tourism Authority* u se jkun jista jiċċekkja l-Kunsill x'jista jiggwadanja. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li hu jippreferi jipparteċipa mal-MTA, milli mal-AMC minħabba l-organizzazzjoni tagħhom.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Is-Seduta intemmet fid-9.20pm u ġiet aġġornata nhar it-Tnejn 5 ta' Mejju 2014 fis-6pm.

Minuti approvati llum 27/05/2014

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**